Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

8 ta' Novembru 2012*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Assenza ta' preċiżazzjonijiet suffiċjenti tal-kuntest fattwali u leġiżlattiv tal-kawża prinċipali — Domandi magħmula f'kuntest li jeskludi risposta utli — Nuqqas ta' preċiżazzjonijiet dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw in-neċessità ta' risposta għad-domandi preliminari — Inammissibbiltà manifesta"

Fil-Kawża C-433/11,

li għandha bħala suġġettt talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa minn Krajský súd v Prešove (is-Slovakkja), permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Awwissu 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Awwissu 2011, fil-proċedura

**SKP k.s.**

vs

**Kveta Polhošová,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn A. Borg Barthet, li qed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, M. Ilešič u M. Safjan (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

## Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, p. 22), tal-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva

* Lingwa tal-kawża: is-Slovakk.

tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol 2, p. 288), kif ukoll tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Europea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn SKP k.s. (iktar 'il quddiem "SKP")riċevitur tal-falliment ta' KFZ Sys s.r.o. (iktar 'il quddiem "KFZ"), u K. Polhošová rigward l-eżekuzzjoni, minn din tal-aħħar, ta' kuntratt ta' xiri bin-nifs ta' oġġett ta' konsum.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### Il-Karta

3 L-Artikolu 47 tal-Karta jipprovdi:

"Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibbiltà li tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata.

Għandha tingħata għajnuna legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja."

#### Id-Direttiva 93/13

4 Skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 93/13:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li japprossima l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri relatati ma' klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur."

5 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/13 jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'klawżoli inġusti' tfisser il-klawżoli kuntrattwali stabbiliti fl-Artikolu 3;

(b) 'konsumatur' tfisser kull persuna naturali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopjiet li jkunu barra s-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha;

(ċ) 'bejjiegħ jew fornitur' tfisser kull persuna naturali jew legali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopijiet relatati mas-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha, sew jekk proprjetà pubblika u sew jekk propjetà privata."

6 L-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva 93/13 jipprovdi:

"Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur."

Id-Direttiva 2005/29

7 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/29 tipprovdi:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li tikseb livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur billi tapprossima l-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prattiċi kummerċjali żleali li jagħmlu ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi."

8 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/29 huwa redatt kif ġej:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

a) 'konsumatur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika li, fil-kuntest ta' prattiċi kummerċjali koperti minn din id-Direttiva, taġixxi għal skopijiet li huma barra mill-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħha;

b) 'kummerċjant' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, fi prattiċi kummerċjali koperti minn din id-Direttiva, taġixxi għal skopijiet marbuta mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħha u kull min jaġixxi f'isem jew fl-interessi ta' kummerċjant;

ċ) 'prodott' tfisser kwalunkwe merkanzija jew servizz inkluża proprjetà immobbli, drittijiet u obbligi;

d) 'prattiċi kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur' (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'prattiċi kummerċjali') tfisser kwalunkwe att, ommissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inlużi reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta' xi prodott lil konsumaturi;

[...]"

9 L-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2005/29 jipprovdi:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur, kif stabbilit fl-Artikolu 5, qabel, matul jew wara tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta' xi prodott.

2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġi kontrattwali u, b'mod partikolari, għar-regoli dwar il-validità, it-tfassil u l-effetti ta' kuntratt."

10 L-Artikolu 5(1) u (2) tad-Direttiva 2005/29 jipprovdi:

"1. Il-prattiċi kummerċjali żleali għandhom ikunu projbiti.

2. Prattika kummerċjali tkun żleali jekk:

a) hija kuntrarja għar-rekwiżiti tad-diliġenza professjonali,

u

b) toħloq distorsjoni sostanzjali jew tista' toħloq distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tal-prodott, tal-konsumatur medju li tilħaq jew li lilu tkun indirizzata, jew tal-membru medju tal-grupp meta xi prattika kummerċjali tkun diretta lejn grupp partikolari ta' konsumaturi."

*Id-dritt Slovakk*

11 Skont l-Artikolu 4(2) tal-Liġi Nru 71/1992 dwar l-ispejjeż legali, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, ir-riċevitur tal-falliment huwa eżonerat mill-ispejjeż legali fis-sens tal-leġiżlazzjoni speċjali tal-Liġi Nru 7/2005 dwar il-fallimenti u r-ristrutturazzjonijiet.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

12 Fit-13 ta' Diċembru 2001, DRUKOS a.s. ikkonkluda ma' K. Polhošová kuntratt ta' "hire purchase" ta' oġġett ta' konsum, li kien jipprovdi li fl-iskadenza tal-perijodu ta' kiri, jiġifieri wara l-ħlas ta' 30 rata mensili, din tal-aħħar kienet ser issir proprjetarja ta' dan l-oġġett. Il-kuntratt inkwistjoni kien fih klawżola ta' riserva ta' titolu ta' proprjetà, li tgħid li d-dritt ta' proprjetà kellu jiġi ttrasferit lil K. Polhošová biss wara l-eżekuzzjoni tal-obbligi kollha tagħha, li jinkludu l-ħlas tal-pagamenti mensili kollha. Il-prezz tal-oġġett kien jammonta għal SKK 17 270 (EUR 569.73), iżda meta wieħed jikkunsidra l-"kiri", K. Polhošová kellha fil-fatt tħallas somma totali ta' SKK 24 033 (EUR 792.83).

13 DRUKOS a.s. ġiet iddikjarata fi stat ta' falliment u, fis-16 ta' Diċembru 2006, ikkonkludiet kuntratt ta' trasferiment ta' dejn fir-rigward ta' K. Polhošová ma' Holec, residenti f'Nitra (is-Slovakkja). Permezz ta' kuntratt li sar fl-istess ġurnata, dan tal-aħħar ittrasferixxa d-dejn inkwistjoni lil MEDIATION KMCH s.r.o., stabbilita f'Nitra mbagħad lil Banská Bystrica (is-Slovakkja). Permezz ta' kuntratt tat-23 ta' Frar 2008, dan id-dejn ġie ttrasferit sussegwentement lil IVACO CONSULTANTS LIMITED, stabbilita fis-Seychells. Fis-17 ta' Mejju 2008, din tal-aħħar ikkonkludiet kuntratt ta' trasferiment tal-imsemmi dejn mal-impriża AKROPOLIS estates s.r.o., li saret KFZ, stabbilita fis-Slovakkja.

14 Fil-25 ta' Lulju 2008, KFZ ġiet iddikjarata fi stat ta' falliment.

15 Fis-17 ta' Marzu 2010, SKP ressqet rikors quddiem l-Okresný súd Poprad kontra K. Polhošová sabiex titlob mingħandha l-ħlas tal-penalità kuntrattwali prevista fil-każ ta' ħlas tardiv, li tirrappreżenta 0.1 % tas-somma dovuta għal kull ġuranta ta' dewmien, u għar-rimbors tal-ispejjeż marbuta mal-irkupru tas-somom mitluba. Il-penalità kuntrattwali inkwistjoni li tirrigwarda l-perijodu ta' erba' snin preċedenti għall-preżentata tar-rikors, tirrappreżenta s-somma ta' EUR 987.05, filwaqt li l-onorarju tal-avukat li ġie mitlub jammonta għas-somma ta' EUR 117.32.

16 Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Frar 2011, l-Okresný súd Poprad ċaħdet l-imsemmi rikors minħabba l-fatt li l-penalità kuntrattwali msemmija iktar 'il fuq kienet tikkostitwixxi klawżola inġusta f'kuntratt konkluż mal-konsumatur. Din il-qorti kkunsidrat li, flimkien mal-penalità kkonċernata kellhom jiżdiedu l-interessi moratorji previsti mil-liġi, u li għalhekk dawn iż-żewġ obbligi kienu sproporzjonati u kienu joħolqu, għad-dannu tal-konsumatur, żbilanċ sinjifikanti bejn id-drittijiet u l-obbligi taż-żewġ tipi tal-partijiet kontraenti.

17 SKP appellat minn din is-sentenza quddiem il-Krajský súd v Prešove.

18 Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, skont il-leġiżlazzjoni Slovakka, ir-riċevitur ta' impriża fi proċedura ta' falliment huwa eżentat mill-ispejjeż legali. Fil-każ li huwa jitlef ir-rikors, l-ispejjeż sostnuti minn konsumatur, prattikament, ma jistgħux jiġu rkuprati. Konsegwentement, il-konsumaturi jkunu disważi milli jeżerċitaw azzjoni kontra entitajiet li jkunu fi proċedura ta' falliment kif ukoll milli jħallsu s-servizzi ta' avukat, u dan jippreġudika l-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom.

19 Billi qieset li s-soluzzjoni għall-kawża prinċipali tiddependi fuq l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, il-Krajský súd v Prešove ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva 2005/29/KE [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeħtieġ li tiġi kklassifikata wkoll bħala prattika kummerċjali żleali wkoll il-prattika tal-fornitur li tikkonsisti fiċ-ċessjoni ta' krediti kontra konsumaturi lil entità li qed tfalli, jekk il-konsumaturi ma għandhomx il-garanzija li jiġu rimborsati l-ispejjeż legali li jirriżultaw minn kuntratt konkluż ma' konsumatur?

2) Jekk ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda preċedenti hija li ċ-ċessjoni lil entità li qed tfalli ta' krediti fuq il-konsumaturi għall-finijiet tal-irkupru tmur kontra d-dritt tal-Unjoni:

A. jista', f'dan il-każ, l-Artikolu 47 tal-Karta [...] jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-qorti, bil-għan li tipproteġi lill-konsumaturi, ma tapplikax l-eżenzjoni tal-ispejjeż legali prevista mil-liġi favur ir-riċevitur tal-falliment u li f'każ bħal dan il-qorti ma tiksirx id-dritt ta' riċevitur tal-falliment għal protezzjoni ġudizzjarja jekk hija ma tkomplix bil-proċeduri għal nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż legali?

B. L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 [...] jipprekludu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom l-għan li jeżentaw lir-riċevitur tal-falliment mill-ispejjeż legali, fis-sitwazzjoni fejn, fin-nuqqas ta' prattika kummerċjali żleali, ir-rikorrenti ma tkunx eżentata mill-ispejjeż legali u li l-għeluq tal-proċedura tevita proċeduri ġudizzjarja dwar l-eżekuzzjoni ta' klawżola inġusta?"

## Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

20 Skont l-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, meta r-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa manifestament inammissibbli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat, mingħajr ma tkompli l-proċedura.

### *Fuq l-ewwel domanda u fuq l-ewwel parti tat-tieni domanda*

21 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk prattika kummerċjali fejn il-fornitur jittrasferixxi d-dejn li huwa għandu kontra konsumaturi lil impriża fi proċedura ta' falliment, fejn dan il-konsumatur ma għandu l-ebda garanzija li jiġi rrimborsat l-ispejjeż legali relatati mal-kuntratt konkluż ma dan il-fornitur, hijiex żleali fis-sens tad-Direttiva 2005/29. Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tal-ewwel parti tat-tieni domanda tagħha, jekk l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludix lir-riċevitur tal-impriża fi proċedura ta' falliment li qed titrasferixxi dan id-dejn milli jiġi obbligat iħallas l-ispejjeż legali meta jitlob il-ħlas, mill-konsumaturi, ta' somma ta' flus abbażi ta' dan id-dejn.

22 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura msemmija fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għalihom sabiex jinqatgħu l-kawżi li jkunu tressqu quddiemhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 1992, Meilicke, C-83/91, Ġabra p. I-4871, punt 22, u tal-24 ta' Marzu 2009, Danske Slagterier, C-445/06, Ġabra p. I-2119, punt 65).

23 Il-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li dik il-qorti tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula minnha jew li, minn tal-inqas, tispjega l-ipoteżi fattwali li huma bbażati fuqhom dawn id-domandi (ara, b'mod partikolari,

is-sentenzi, tas-26 ta' Jannar 1993, Telemarsicabruzzo *et*, C-320/90 sa C-322/90, Ġabra p. I-393, punt 6, kif ukoll id-digrieti tas-17 ta' Settembru 2009, Canon Kabushiki Kaisha, C-181/09, punt 8, u tat-3 ta' Mejju 2012, Ciampaglia, C-185/12, punt 4).

24 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja biss tista' tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni ta' test tal-Unjoni abbażi tal-fatti li jiġu indikati lilha mill-qorti nazzjonali (sentenzi, tas-16 ta' Lulju 1998, Dumon *et* Froment, C-235/95, Ġabra p. I-4531, punt 25, u tal-11 ta' Settembru 2008, Eckelkamp *et*, C-11/07, Ġabra p. I-6845, punt 52, kif ukoll id-digriet tat-23 ta' Marzu 2012, Thomson Sales Europe, C-348/11, punt 43).

25 Fil-każ preżenti, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tissodisfax dan ir-rekwiżit. Hija kkaratterizzata min-nuqqas ta' ċarezza u ta' preċiżjoni dwar il-kuntest fattwali u leġiżlattiv fil-kawża prinċipali u ma tippermettix, konsegwentement, li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta utli għad-domandi magħmula.

26 Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2005/29, moqri flimkien mal-Artikolu 2(c) tagħha, din id-direttiva tapplika għal prattiċi kummerċjali żleali ta' impriżi fil-konfront ta' konsumaturi, qabel, matul jew wara tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta' kwalunkwe prodott jew servizz.

27 Issa, il-qorti tar-rinviju ma tesponix, fid-deċiżjoni tagħha, liema huwa l-aġir preċiż ta' kummerċjant fi proċedura ta' falliment fir-rigward ta' konsumatur li jista' jikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali. B'mod partikolari, din il-qorti tillimita ruħha għal deskrizzjoni dettaljata ta' katina ta' trasferimenti, bejn il-kummerċjanti, tad-dejn inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mingħajr madankollu ma tindika l-elementi tal-aġir tal-kummerċjant fil-konfront tal-konsumatur li jistgħu jikkostitwixxu prattika kummerċjali żleali.

28 Għall-finijiet ta' kompletezza, għandu wkoll jingħad li d-domandi magħmula jirrigwardaw każ ta' trasferiment magħmul favur impriża fi proċedura ta' falliment. Madankollu, mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li l-proċedura fil-kawża prinċipali tirrigwarda tali trasferiment, peress li ċerti trasferimenti fil-katina msemmija fil-punt preċedenti kienu saru favur impriżi li ma kinux fi proċedura ta' falliment fil-mument tat-tranżazzjoni.

29 Fi kwalunkwe każ, huwa xieraq li jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni ta' rinviju ma tinkludix elementi tal-kuntest ġuridiku nazzjonali li jippermettu li jiġi konkluż li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja ser tkun utli għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali.

30 Issa, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, hija n-natura dubjuża tal-validità tal-kuntratti ta' trasferiment inkwistjoni li donnha twassal lill-qorti *a quo* sabiex tissottometti lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari. Madankollu, konstatazzjoni tan-natura eventwalment żleali, fir-rigward tad-Direttiva 2005/29, ta' prattika bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex effett dirett fuq l-evalwazzjoni tal-imsemmija validità (ara s-sentenza, tal-15 ta' Marzu 2012, Pereničová u Perenič, C-453/10, punti 45 u 46).

31 Għaldaqstant, l-ewwel domanda u l-ewwel parti tat-tieni domanda huma manifestament inammissibbli.

*Fuq it-tieni parti tat-tieni domanda*

32 Permezz tat-tieni parti tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 93/13 tipprekludix li riċevitur tal-falliment ikun eżentat, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali, mill-ispejjeż legali, meta, fl-assenza ta' falliment, il-kummerċjant ikkonċernat ma jkunx eżentat mill-imsemmija spejjeż.

33 Din il-qorti tfittex, fir-realtà, li tevalwa l-konformità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ispejjeż legali mad-Direttiva 93/13.

34 Madankollu, skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 93/13, l-għan ta' din tal-aħħar huwa li tapprossima l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi bejn professjonist u konsumatur. Din tirrigwarda, konsegwentement, biss il-klawżoli li jinsabu f'kuntratti u mhux it-tqassim tal-ispejjeż legali bħal dawk previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

35 F'dan il-każ, l-unika kuntratt konkluż minn kummerċjant ma konsumatur li huwa s-suġġett tal-kawża prinċipali, li għalih tagħmel riferiment id-deċiżjoni tar-rinviju, huwa dak konkluż fit-13 ta' Novembru 2001 minn K. Polhošová, filwaqt li kien biss fl-1 ta' Mejju 2004 li r-Repubblika Slovakka aderiet mal-Unjoni Ewopea.

36 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni biss f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni ta' dan id-dritt fi Stat Membru mid-data tal-adeżjoni ta' dan tal-aħħar mal-Unjoni Ewropea (ara s-sentenzi, tal-10 ta' Jannar 2006, Ynos, C-302/04, Ġabra p. I-371, punt 36; tal-14 ta' Ġunju 2007, Telefónica O2 Czech Republic, C-64/06, Ġabra p. I-4887, punti 22 u 23; tal-15 ta' April 2010, CIBA, C-96/08, Ġabra p. I-2911, punt 14, kif ukoll id-digriet tal-11 ta' Mejju 2011, Semerdzhiev, C-32/10, punt 25).

37 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li t-tieni parti tat-tieni domanda hija manifestament inammissibbli.

38 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, huwa xieraq li jiġi kkonstatat, skont l-Artikoli 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li t-talba għal deċiżjoni preliminari preżenti hija manifestament inammissibbli.

**Fuq l-ispejjeż**

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tordna:

**It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Krajský súd v Prešove (is-Slovakkja), permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Awwissu 2011, hija manifestament inammissbbli.**

Firem